# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlieta (3/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2016, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUZAT: | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Stivala ċempel biex javza li mhux se jattendi peress illi kien ma jiflaħx. Hu kien skuzat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jaqbel max-xogħol illi sar fuq il-bins [ref punt 4.1] izda xorta jemmen illi għandhom ikunu simili bħall-bins ġodda li hawn fir-raħal. Qal ukoll illi ma jistax jifhem għalfejn hemm 4 fil-ġnien il-Ħelsien u fil-fehma tiegħu għandi nuzaw 2 li hemm hemmhekk. Il-Viċi Sindku reġa sema l-punt li kien qajjem f'laqgħat preċedenti li ħadna l-fondi mill-MEPA skond il-BOQ's

fejn kien hemm miktub illi għandna nixtru 4 għall-proġett. Qal ukoll illi ma jistax jifhem kif dawn il-bins ilhom hemm tlett snin u issa qegħdin isiru l-ilmenti li huma koroħ. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ilu jgħid hekk.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi qegħdin naħlu ħafna flus għad-dawl fil-ġnien il-Ħelsien u fil-fehma tiegħu għandna nagħmlu timer u mhux photocell. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li l-ġonna kollha għandhom id-dawl lejl sħiħ. Fuq dan il-punt il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi aħna ma nħalsux il-kontijiet tal-ġonna l-oħra. Qabel mas-suġġeriment fil-laqgħa preċedenti li nistennew sakemm nirċievu l-ewwel kont sakemm nieħdu deċizjoni.

3.2 Il-Viċi Sindku qal illi t-triq fejn hemm iċ-ċimiterju kienet diġa msemmija 'triq il-Karwija' [ref punt 4.5]. Il-kunsilliera l-oħra qalu li n-nies jafuha bħala l-area tal-Karwija izda qatt ma kien hemm isem partikolari. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-tabelli ġew ordnati. Il-kunsilliera qablu li nagħmlu tabella fejn ir-roundabout u oħra lejn iċ-ċimiterju.

3.3 Is-Sindku qal illi ordna s-solar power lamps. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna bzonn nagħmlu reflectors mal-arblu tar-roundabout.

3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi avza lill-Kunsill taż-Żurrieq rigward id-deċizjoni tar-rampa.

3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda risposta mill-għalliema tan-Nutrition Classes [ref punt 5.3] izda qara emajl mis-sinjorina Geraldine Grima Gilson li tieħu ħsieb il-klassi tal-aerobics, fejn qegħdin joffru klassijiet simili għall-parteċipanti tal-klassijiet u dawn se jsiru darba fil-ġimgħa. B'hekk il-Kunsill jevita l-problema ta- pagamamenti, marketing, eċċ. Il-Kunsill qabel illi jibdew isiru dawn il-klassijiet flimkien mal-aerobics.

3.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ġew tat-TCTC u għandhom iġibu l-kompjuters f'dawn il-ġimagħtejn. Żied illi l-kuntrattur qal illi l-imwejjed mhumiex adattati u rrid jara kif se jaħdem bihom u jgħaddi l-wiring. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kompjuters waslu għar-rimi barra 2 li huma f'stat mhux ħazin. Waħda minnhom se tibqa fil-garaxx ħalli jkun hemm inventarju tal-affarijiet li hemm fil-garaxx/store ġo fiha. Il-Kunsill qabel.

3.7: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn huma l-istimi li rċieva għall-artificial turf/tapit [ref punt 12.1] għal mar-roundabout [biċ-chippings]:

Waste Collection Limited: €2000

ELC: €2649.25

Derek: €2475.06 + l-ispejjez għat-tapit.

Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi fil-fehma tiegħu għandna naħdmu bit-torba u 2 pulzieri konkos u nagħmlu tapit fuqhu. Qal ukoll illi għandna naraw dwar il-possibilita li nuzaw il-Lean Mix biex niffrankaw il-konkos.

3.8: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-bricks [ref punt 12.2] ġew ordnati u għandhom jiġu bihom nhar il-Ħamis. Il-prezz huwa ta' €188.39. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nuzaw il-ġebel tas-sitta tal-franka normali minflok bricks. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv se jbiddel il-P.O.

3.9: B'referenza għal punt nru 12.4 il-Viċi Sindku lmenta li fuq il-kalendarju tal-Kunsill kien hemm il-Poster tal-attivita' li sar fit-28 ta' Frar mid-Drama Group ta' Ħal Safi b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, izda fil-kalendarju ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-Kunsill kien parti mill-attivita' u li fuq il-poster ma kienx hemm il-logo tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li ħriġna l-kalendarju qabel ma ħriġna l-poster bil-logo tal-Kunsill illi ngħatajna lill-ħwienet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-attivita swiet €200.
Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi avolja qed tifhem il-problema, kelna noħorġu l-kalendarju u dak kien il-poster li kienet irċeviet hi.

3.10 Il-Viċi Sindku staqsa kif il-Kunsill se jkun involut mall-attivitajiet tal-KLZ [ref punt 12.11]. Il-kunsilliera Joanna Abdilla spjegat illi l-attivitajiet se jsiru mill-fondi li rċevejna mill-Aġenzija Zagħzagħ. Għall-attivita t'April jixtiequ jixtru xemgħat u bihom se jagħmlu forma ta' salib fil-Pjazza. Għandhom bzonn madwar 200 xemgħa. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nagħmlu tabella 'No Parking' ħalli ħadd ma jħali l-vetturi tagħhom hemmhekk qabel l-attivita'. Qal ukoll illi għandna nagħmlu ftit tape mat-tabelli.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn illi jsir xogħol mas-siġra li hemm u li għandna nieħdu ħsieb dan ix-xogħol sal-festa. Qal illi jaf persuna li jista jaqdina hu.

3.11 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-tabella [35km/hr] [ref punt 12.12] tneħħiet.

3.12: Is-Sindku qal illi n-Nexos se jagħmlu x-xogħol fil-ġnien Dun Karm Vella u li se juzaw overhead cable ħalli nevitaw l-ispejjez tat-trenching.

**4. Korrespondenza**

4.1: **Sleeping Police: Ħlantun**: Is-Sindku staqsa jekk kien hemm update rigward emajl li rċevejna mis-sur Spiteri li lmenta fuq l-isleeping police li hemm ftit qabel il-proġett tal-Ħlantun. Is-Segretarju Ezekuttiv ikonferma li l-MTA qalu li huma saru bħala parti mill-proġett u li qegħdin jaraw l-ilment tas-sur Spiteri. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa li nagħmlu erba' boroz tarmak mal-isleeping police jekk ma jsir xejn minn naħa tal-MTA.

**5. Payment Approval Sheet**

5.1 Il-Payment Approval Sheet kien approvat u ffirmat. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi mhux se japprova l-pagament dovut lil Mario Petrol Station. Għal dan ir-raġuni ffirma l-karta u fejn hemm referenza għall-pagament ta' dan il-kuntrattur, is-Segretarju Ezekuttiv kiteb illi l-kunsillier mhux qed japprova dan il-pagament u dan ġie ffirmat mill-kunsillier u mis-S.E bħala xhud.

**6. Laqgħa mas-sur Ninu Zammit**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kienu preżenti għal-laqgħa. Kien hemm qbil illi ssir ittra li tispjega li ssir 'change of applicant' fejn strettament hu jkun jista jibni fuq il-propjeta tiegħu biss.
Il-Viċi Sindku qal illi fehma tiegħu għandu jħallas l-ispejjez illi nfaqna għall-permess. Il-kunsilliera qablu mas-suġġeriment. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi konna ħallasna 'il fuq minn €3000 izda għandu jara jekk hemm kontijiet oħra u li m'hemmx kontijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proġetti oħrajn.

**7. Berġa**

7.1 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, iltaqa ma rapprezentant tal-Ministeru tas-Saħħa, rigward il-possibilita li l-Berġa ssir fil-kamra vojta li hemm fejn il-lifts tas-sala. Qal illi l-persuna qal illi hemm spazju fejn wieħed jista jaħdem u li l-Kunsill ikollu jixtri skrivanja, siġġijiet, kabinets, sink u geezer u wara nieħdu l-fondi lura. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku Francis Callus qal illi għandna nieħdu l-ilma mill-Public Convenience.
Is-Sindku ppropona li l-Berġa eżistenti tintuza għal affarijiet oħra, u ppropona li Safi AFC juzawha bħala premises tagħhom. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nagħtu l-area fejn il-lifts bħala Berġa bil-patt illi nuzaw il-Berga eżistenti għall-uzu tal-Kunsill.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk ikolna nħalsu lil Lands f'kaz illi nuzaw il-Berġa eżistenti. Iul-Viċi Sindku qal illi peress illi aħna noperaw bħala non-commercial, għandna nħalsu l-istess rata li qegħdin iħalsu issa għall-użu tal-Berġa.

**8. Triq il-Kuċċard**

8.1 Is-Sindku qal illi l-cultural heritage qegħdin jissostnu l-pozizzjoni tagħhom illi l-qabar ma jistax jitmiss. Ir-rapport tagħhom għadu mhux konkluz u għadhom iridu jagħtu l-grade [li suppost se tkun 'C' i.e ma tistax tkisser imma jista jsir xogħol]. Il-Kunsill qed jistenna dan kollu bil-miktub.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta jemmen illi t-triq mhux se tiġi kif xtaqna u kif jixtiequ r-residenti waqt illi l-Viċi Sindku qal illi l-ikbar problema se tkun fuq kif se tnaqqas id-dis livell.

**9. Jum Ħal Safi**

9.1: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-membri tal-Bord kollha aċċettaw l-istedina tal-Kunsill. Dawn huma s-sur Tarċisio Barbara, is-sur Pawlu Callus, is-sur Publius Abdilla, is-sur Edward Bonello u s-sur Ġiljan Bonello.

9.2: Ma kien hemm l-ebda deċizjoni rigward l-entertainment għal nhar il-Ġimgħa 15 t'April għax kien għad baqa min kellu jibgħat stimi.

9.3: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ġabar tlett stimi għall-catering għal nhar il-Ħadd 17 t'April. Il-Kunsill qabel illi nixtru 150 minn kull item [10 items]. L-istimi kienu €734.52 [James Caterers], €796.50 [Neriku], €856.68 [Camilleri]. Il-kunsilliera qablu fuq James Caterers.

9.4: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Mario Ciantar talab €150 għas-servizz tiegħu għal nhar is-Sibt 16 t'April. Il-Kunsill qabel peress illi dejjem ta servizz mill-aqwa meta ġie jdoqq il-vjolin.

9.5: Il-Vici Sindku qal illi hu importanti li jkun hemm security bil-lejl [qabel ir-re-enacment] biex joqogħdu għasa mal-equipment, kif ukoll li jkun hemm min izomm għajnejħ fuq l-ikel waqt ir-re-enactment stess.

**11. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Sindku:

12.1 talab lill-kunsilliera biex javzawh fejn jemmnu li għandhom isiru safety barriers peress illi se jdur mal-kuntrattur li għandu jieħu ħsieb dawn il-barriers u r-riklami. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-barriers jistgħu jsiru issa izda l-Kunsill ma jista jieħu l-ebda dħul qabel ma jiġi approvat il-byelaw.

12.2 resaq talba biex issir zebra crossing f'triq Santa Marija. Il-Kunsill ma qabilx għax mhix bzonnjuza, hija perikoluza u għax ikolna nneħħu parking.

Il-Viċi Sindku:

12.3 qal illi l-floodlights taz-zebra crossing ta' triq iż-Żurrieq għandhom bzonn jinbidlu.

12.4 qal illi hemm bozza mitfija f'triq il-Ħajt Ruman c/w triq Dun Ġuzepp Caruana.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

12.5: qalet illi hemm parking bays f'triq l-Ibraġġ illi mhumiex tajbin u karrozzi ma joqogħdux ġo fihom [bħala wisa]. Is-Sindku qal illi saru skond ir-regolamenti u l-ħaddiema kejlu l-bays qabel ma saru.

12.6: staqsiet jekk hemm xi attivitajiet illi l-kunsillier se jorganizzaw f'April ħalli tikteb nota fil-kalendarju. Il-Viċi Sindku qal illi se jkun hemm is-simposium tan-nar.

12.7: Irraportat bozza quddiem il-kappella ta' Santa Marija.

12.8: Qalet illi hemm problema bil-bankina ta’ triq San Tumas. Il-ħaddiema se jaraw x’jista jsir.

12.9: Qalet illi tixtieq torganizza safra għal Polonja fis-sajf. Il-Kunsill qabel.

12.10 Qalet illi tixtieq tagħmel treasure hunt ma Jum Ħal Safi. Qalet illi tixtieq tagħmel l-attivita’ nhar il-Ħadd 17 t’April. Is-Sindku qal illi aħjar illi ssir nhar is-Sibt.

12.11 tixtieq torganizza ġurnata volontarjat ma’ għaqda li jieħdu ħsieb il-klieb. Il-Kunsill qabel.

12.12: qalet illi rċeviet talba minn għaqda biex insibu ħajt fir-raħal ħalli jpinġu xi ħaġa storiku bil-street painting. Il-Viċi Sindku qal illi ma tantx għandna postijiet izda ppropona li kiku ssir ġol-grawnd mal-ħajt tal-iskola.

12.13: Resqet suġġeriment illi għall-Istrina niġbru x-xagħar biex nagħtu bħala donazzjoni. Il-Kunsill qabel.

12.14: Issuġeriet illi għall-Imnarja nġibu għanejja, żfin u ikel Malti fir-raħal. Il-Kunsill qabel.

12.15: Staqsiet jekk il-kunsilliera jaqblu li l-Blood Donation Unit jiġu għall-darb’oħra biex jieħdu d-demm. Il-Kunsill qabel.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

Ma kienx preżenti u ma kellu l-ebda punt qabel il-laqgħa meta s-Segretarju Ezekuttiv ċempel biex jara.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil

12.16 Qal illi hemm bzonn illi niffriskaw z-zebgħa iswed illi hemm f’triq il-Kenn. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Ezekuttiv:

Ma kellu l-ebda punt.

13. **Laqgħa li jmiss**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil- ta’ April 2016

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |